

P8\_TA(2018)0404

## Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2019 – it-taqsimiet kollha

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 (11737/2018 – C8-0410/2018 – 2018/2046(BUD))**

(2020/C 345/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(4)</sup> ("ir-Regolament dwar il-QFP"),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2018 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2019 <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Ġunju 2018 (COM(2018)0600),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2018 u li ntbagħtet lill-Parlament fit-13 ta' Settembru 2018 (11737/2018 – C8-0410/2018),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz tal-baġit 2019 <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ittra ta' Emenda Nru 1/2019 (COM(2018)0709) għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019,

<sup>(1)</sup> ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

<sup>(2)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>(5)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0089.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0182.

<sup>(8)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0311.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

- wara li kkunsidra l-Artikolu 88 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A8-0313/2018),

**Taqsimha III****Ħarsa ġenerali**

1. Jenfasizza li l-qari tal-Baġit 2019 min-naħa tal-Parlament jirrifletti bis-sħiħ il-prijoritajiet politiċi adottati b'maġġoranza assoluta fir-riżoluzzjonijiet tiegħu msemmija hawn fuq tal-15 ta' Marzu 2018 dwar il-linji gwida ġenerali u tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-mandat għat-trilogu; ifakkar li fil-qalba ta' dawn il-prijoritajiet hemm: it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni, il-kompetittività, is-sigurtà, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tar-rifuġjati u tal-flussi migratorji, il-ġestjoni tal-flussi tar-rifuġjati u tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn enerġija sostenibbli, u enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġh;
2. Jenfasizza li qabel l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, din tal-aħħar teħtieġ ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex tirrispondi għall-aspettattivi taċ-ċittadini, biex tkun tista' tindirizza b'mod effikaċi d-diversi prijoritajiet imsemmija hawn fuq u tegħleb l-isfidi li qed tiffaċċja, u biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tagħha;
3. Jirrimarka li ċ-ċittadini tal-Ewropa jistnew li l-Unjoni tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura t-tkabbir ekonomiku u trawwem il-ħolqien tal-impjegi b'mod uniformi fir-reġjuni kollha tagħha; ifakkar li l-issodisfar ta' dawn l-aspettattivi jirrikjedi investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni, l-infrastruttura u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u li tippromwovi l-impjegi, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh tal-Ewropa; jesprimi diżapprovazzjoni dwar il-fatt li l-Kunsill għal darb'oħra qed jipproponi tnaqqis għal dawk il-programmi li huma mfassla biex l-ekonomija tal-Unjoni ssir aktar kompetittiva u innovattiva; jenfasizza wkoll li ħafna minn dawn il-programmi, pereżempju Orizzont 2020, jirċievu għadd ta' talbiet ferm akbar milli kien ipplanat, u dan jikkostitwixxi użu ħażin ta' riżorsi u jfisser li ħafna proġetti eċċellenti ma jirċivux finanzjament; jenfasizza wkoll il-fatt li l-programmi bħall-Erasmus+, Orizzont 2020 u l-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (COSME) jipprovdu dimostrazzjoni ħajja tal-vantaġġi tal-kooperazzjoni madwar l-Unjoni u jgħinu biex jinħoloq sens ta' appartenenza Ewropea; jiddeċiedi għalhekk li jsaħħaħ b'mod konsiderevoli l-Erasmus+ u jsaħħaħ il-programmi li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjegi, inkluż Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u COSME;
4. Itenni l-impenn tiegħu lejn il-wegħdiet li għamel waqt in-negozjati tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), jiġifieri li jiġi minimizzat l-impatt tat-tnaqqis relatat mal-FEIS fuq Orizzont 2020 u l-FNE fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali; jipproponi, għalhekk, li dak it-tnaqqis jiġi kkompensat billi l-profil annwali oriġinali ta' dawn iż-żewġ programmi jerġa' jiġi kif kien, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu kompletament l-oġettivi miftiehma matul l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti;
5. Jenfasizza li l-livell tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għadu għoli b'mod inaċċettabbli f'ċerti Stati Membri speċjalment fir-reġjuni li għadhom lura ekonomikament, u li l-qagħda taż-żgħażaġh f'sitwazzjonijiet NEET (barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ), u ta' dawk qiegħda fit-tul, hija partikolarment inkwetanti; jenfasizza li iż-żgħażaġh huma l-aktar friskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali u ekonomika; jiddeċiedi għalhekk li jsaħħaħ l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) lil hinn mill-livell propost mill-Kummissjoni; jenfasizza li tali tisħiħ ma għandu bl-ebda mod jitqies bħala forniment minn qabel tal-allokkazzjoni tal-YEI approvata fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP; jissottolinja, madankollu, li l-YEI għandha titejjeb aktar u ssir aktar effiċjenti u jħeġġeġ lill-Istati Membri iżidu l-livell ta' assorbiment tal-finanzjament u joħolqu aktar impjegi taż-żgħażaġh ta' kwalità;
6. Ifakkar fil-ħtieġa ta' ġlieda qawwija kontra l-faqar;
7. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp u t-tkabbir tal-Unjoni u fil-konverġenza fl-Istati Membri u r-reġjuni; jenfasizza l-impenn li ħa l-Parlament biex jiżgura approprijazzjonijiet adegwati għal dawk il-programmi li jirrappreżentaw politika ewlenija tal-Unjoni;
8. Jenfasizza li l-Fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni ma għandhomx jappoġġaw ir-rilokazzjoni, la direttament u lanqas indirettament, kif definita fl-Artikolu 2(61a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet taħt il-Fondi ma jingħatawx lill-benefiċjarji li wettqu rilokazzjoni fi żmien ħames snin qabel l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni; u biex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet jitħallsu lura b'mod sħiħ mill-benefiċjarji li jwettqu rilokazzjoni sa ħames snin wara li jkunu rċevew il-kontribuzzjoni;

9. Jiddispjaċih li, skont il-projezzjonijiet kurrenti, se jkunu ddedikati biss 19,3 % tal-baġit tal-Unjoni tal-2014 – 2020 għall-miżuri relatati mal-klima, u b'hekk l-oġettiv ta' 20 %, stabbilit qabel il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, mhux se jintlaħaq minn qabel il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima; jifhem li dan huwa dovut l-aktar għad-dewmien fil-politika ta' koeżjoni u l-programmi tal-iżvilupp rurali; iħeġġeġ lill-Istati Membri, li jiġġestixxu dawn il-programmi, biex iħaffu l-implimentazzjoni tagħhom b'enfasi fuq l-infiq relatat mal-klima sabiex jikkumpensaw għall-allokazzjonijiet aktar baxxi li jkunu saru matul l-ewwel snin tal-QFP; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni fi ħdan programmi li għandhom potenzjal enormi li jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira ta' nfiq relatat mal-klima; jitlob ukoll li jkun hemm eżerċizzju ta' konsolidazzjoni robust u annwali biex isir progress lejn il-mira ta' integrazzjoni, b'salvagwardji konkreti u koerenti li jggarantixxu li deċizzjonijiet baġitarji reżistenti għat-tibdil fil-klima jkunu konformi mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, u jkun hemm rappurtar komprensiv biex jiġu mnedija inizjattivi jekk il-miri ma jintlaħqux;

10. Jissottolinja l-fatt li l-Intestatura 3 fil-parti l-kbira tagħha ġiet mobilizzata f'dawn l-aħħar snin biex tiġi indirizzata l-isfida migratorja u tar-rifuġjati u li tali azzjonijiet għandhom jitkomplew u jiġu msaħħa kemm jista' jkun u għal kemm ikun meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv l-adeqwatezza tal-allokazzjonijiet taħt l-Intestatura 3 u tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti disponibbli kollha biex twieġeb fil-ħin għal kwalunkwe avveniment mhux previst li jista' jirrikjedi finanzjament addizzjonali fil-qasam tal-migrazzjoni b'attenzjoni speċjali għall-każ tar-reġjuni insulari li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jiddeċiedi li jsahha il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) biex ikopri bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni, b'mod partikolari biex jappoġġa lill-Istati Membri fit-titjib tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, il-miżuri ta' integrazzjoni u l-prattiki għal dawk li jfittxu l-asil u l-migranti, u t-titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u strateġiji ta' ritorn ġusti u effikaċi; jinnota, għal darb'oħra, li l-limitu massimu tal-Intestatura 3 mhux adegwat biex jipprovi finanzjament xieraq għad-dimensjoni interna ta' dawk il-prijoritajiet, kif ukoll għal programmi ta' prijorità oħrajn, pereżempju fl-oqsma tas-saħħa, is-sikurezza tal-ikel, is-sigurtà, il-ġustizzja, iċ-ċittadinanza u l-kultura; iqis li l-awtoritajiet lokali b'rieda li jappoġġaw il-Programm tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni għandhom ikomplu jiġu appoġġati permezz ta' fergħa ta' ġestjoni diretta tal-AMIF;

11. Jinsisti li fid-dawl tat-tħassib riċenti ta' sigurtà madwar l-Unjoni, il-finanzjament taħt l-Intestatura 3 għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari lil miżuri li se jwasslu biex tissaħħa is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni; jiddeċiedi, għal din ir-raġuni, biex jsahha l-aġenziji fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira (eu-LISA), l-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) li, minħabba żieda fil-volum tax-xogħol u kompiti addizzjonali, kienu qed jiffaċċjaw nuqqas ta' persunal u finanzjament f'dawn l-aħħar snin;

12. Itenni li parti mis-soluzzjoni tal-isfida migratorja u tar-rifuġjati kif ukoll tat-tħassib dwar is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni tinsab fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u fl-allokazzjoni ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti għal strumenti interni u esterni li għandhom l-għan li jindirizzaw kwistjonijiet bħall-faqar, in-nuqqas ta' impjegi, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ekonomiċi, l-instabbiltà, il-kunflitt u t-tibdil fil-klima fil-Viċinat Ewropew u l-Afrika; hu tal-fehma li l-Unjoni għandha tagħmel l-aħjar użu tal-mezzi finanzjarji taħt l-Intestatura 4 li wrew li kienu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bl-istess mod l-isfidi esterni kollha;

13. Jirrikonoxxi l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri minħabba l-fluss kbir ta' migranti u persuni li qed ifittxu l-asil; jiddispjaċih li sa issa l-isforzi kollha biex tiġi stabbilita skema tal-migranti ġusta u umana fil-livell tal-Unjoni ma rnexxewx;

14. Jiddispjaċih li l-Parlament ma kienx involut b'mod xieraq fid-diskussjonijiet dwar l-estensjoni tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija (FRT); itenni l-pożizzjoni tiegħu li ilu jħaddan li inizjattivi ġodda ma jridux jiġu ffinanzjati għad-detriment ta' proġetti esterni eżistenti tal-Unjoni; isostni, filwaqt li jfakkar fl-appoġġ tiegħu għall-kontinwazzjoni tal-FRT, li, minħabba s-sitwazzjoni mġebbda taħt l-Intestatura 4 għal reazzjoni għal sfidi esterni, inkluża l-migrazzjoni, il-baġit tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament tat-tieni porzjon bl-istess proporzjon bħal tal-ewwel wieħed, jiġifieri EUR 1 biljun, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu EUR 2 biljun għall-finanzjament tiegħu;

15. Ifakkar fl-importanza tat-Turkija bħala pajjiż ġar, inkluż għall-istabbiltà reġjonali, u jshaq fuq il-ħtieġa li t-Turkija tirrispetta d-dritt internazzjonali fir-reġjun u tiritorna lejn perkors ta' riforma li tiggarrantixxi l-benesseri taċ-ċittadini tagħha u r-rispett sħiħ tad-drittijiet kollha tagħhom;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

16. Ireġġa' lura t-tnaqqis kollu propost mill-Kunsill għall-Abbozz ta' Baġit 2019 (AB 2019) fl-intestaturi kollha, b'eċċezzjonijiet limitati fl-Intestatura 4 u s-subintestatura 1b; jirrifjuta li jaċċetta t-tnaqqis propost għall-programmi bl-ogħla valur miżjud Ewropew, pereżempju it-tnaqqis għal Orizzont 2020 u għall-FNE, żewġ programmi li diġà huma affettwati minn riallokazzjonijiet għall-FEIS, jew il-biċċa l-kbira tat-tnaqqis għall-politiki esterni; jenfasizza li l-loġika wara t-tnaqqis tal-Kunsill mhijex sostanzjata miċ-ċifri ta' implimentazzjoni reali u ma tikkunsidrax ix-xejriet ta' implimentazzjoni differenti ta' ċerti programmi;

17. Jikkonkludi li, għall-fini ta' finanzjament adegwat għall-ħtiġijiet urġenti kollha, u meta jitqiesu l-marġnijiet stretti ħafna jew ineżistenti taħt xi intestaturi fl-2019, ikun meħtieġ li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli fir-Regolament dwar il-QFP f'termini ta' flessibilità; jistenna li l-Kunsill jikkondividi dan l-approċċ u li ftehim ikun faċli jintlaħaq fil-konċiljazzjoni, biex b'hekk l-Unjoni tkun tista' taħtaf l-opportunità u tirrispondi b'mod effikaċi għall-isfidi li ġejjin, b'mod partikolari minħabba li l-konċiljazzjoni ta' din is-sena se tkun l-aħħar waħda qabel l-elezzjonijiet Ewropew f'Mejju 2019;

18. Jistabbilixxi l-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet għall-2019 għal EUR 166 340 415 936 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 149 349 039 470 f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li jfisser żieda ta' EUR 721 061 034 f'approprjazzjonijiet ta' impenn meta mqabbel mal-AB 2019;

**Subintestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi**

19. Jirrifjuta t-tnaqqis mhux ġustifikat min-naħa tal-Kunsill ta' EUR 794 miljun għas-subintestatura 1a, li jirrappreżenta ftit aktar minn nofs it-tnaqqis kumplessiv tal-Kunsill f'impenji fl-intestaturi tal-QFP; jinnota li dan it-tnaqqis imur kontra l-prijoritajiet politiċi li ddikjara l-Kunsill; huwa mħasseb ukoll dwar il-fatt li dawn jistgħu jifxklu l-implimentazzjoni tal-programmi li għandhom rwol vitali fil-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-ekonomija;

20. Jindika f'dan ir-rigward il-programmi bħal Orizzont 2020 u l-FNE u l-programmi spazjali ewlenin, bħal Copernicus, li jipprovdu valur miżjud Ewropew b'saħħtu ħafna; jiddeplora t-tnaqqis sinifikanti propost mill-Kunsill fil-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni b'impatt negattiv kbir ħafna fuq Orizzont 2020, u jiddeplora b'mod speċjali t-tnaqqis fl-inji baġitarji rilevanti bħat-Tisħiħ tar-riċerka f'teknoloġiji futuri u emerġenti u t-Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka; jinnota wkoll li ħafna minn dawn il-programmi jagħtu kontribut importanti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u jqis li jeħtieġ li jissaħħaħ tali kontribut; jiddeċiedi għalhekk li jiġi rrevokat it-tnaqqis kollu li għamel il-Kunsill u, barra minn hekk, jitreġġa' lura kompletament il-profil oriġinali ta' Orizzont 2020 u l-inji tal-FNE li tnaqqsu għall-għoti tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS;

21. Ifakkar li l-Erasmus+ jibqa' programm ta' valur kbir u popolari ħafna li jippromwovi l-mobbiltà għat-tagħlim u t-taħriġ vokazzjonali taż-żgħażaġh, kif jidher mill-volum tal-applikazzjonijiet riċevuti, li jaqbeż b'ħafna l-finanzjament disponibbli, u jinnota wkoll li jgħin fit-trawwim ta' sens b'saħħtu ta' identità Ewropea u jħeġġeġ liż-żgħażaġh jieħdu sehem fid-demokrazija Ewropea; jiddispijaċih ħafna li l-abbozz tal-baġit tal-2019 għall-Erasmus+ ma jissodisfax l-aspettattivi tal-Parlament, u naqas milli jmur lil hinn miċ-ċifri pprogrammati taħt il-QFP kurrenti; iqis li huwa għalhekk essenzjali li jissaħħu l-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh tal-Erasmus+, bħala konsegwenza tat-tisħiħ tal-YEI taħt is-subintestatura 1b;

22. Jiddispijaċih li wara l-pubblikazzjoni, fit-3 ta' Frar 2014, tal-ewwel rapport tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Kummissjoni rrifjutat li tkompli dik il-prattika ta' rapporti annwali u minflok integrat il-politiki kontra l-korruzzjoni fis-Semestru Ekonomiku; jinnota li r-rapporti speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ekonomiku ma fihomx deskrizzjoni ċara tas-sitwazzjoni attwali, u lanqas ma fihom rakkomandazzjonijiet dwar miżuri kontra l-korruzzjoni għall-Istati Membri kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni għal darb'oħra tissottometti lill-Parlament it-tieni rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni, u f'dan il-kuntest ma tevalwax l-isforzi kontra l-korruzzjoni biss f'termini ta' telf ekonomiku iżda wkoll biex tanalizza l-effetti detrimental tal-korruzzjoni fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni;

23. Ifakkar fl-importanza li jitrawmu sinerġiji estensivi bejn l-FNE Trasport u l-FNE Diġitali sabiex jiġi mmassimizzat l-ingranaġġ finanzjarju għall-proġetti li għandhom l-għan li jagħtu spinta lid-diġitalizzazzjoni tal-kurituri TEN-T;

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

24. Jenfasizza għal darb'oħra l-fatt li l-SMEs huma parti essenzjali mill-ekonomija tal-Unjoni u għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni kollha; jemmen li hemm il-ħtieġa li jinħoloq ambjent tan-negozju favorevoli għall-SMEs, kif ukoll li jiġu appoġġati r-raggruppamenti u n-netwerks tal-SMEs, li jiġu appoġġati wkoll kumpaniji kooperattivi bi Prattiki soċjali, ta' solidarjetà u etiċi; jinnota bi tħassib kbir, madankollu, it-tnaqqis propost mill-Kunsill fl-istrument għall-SMEs, li jibgħat sinjal kontradittorju lin-negozji fl-Unjoni; iqis li l-baġit tal-Unjoni u l-appoġġ tagħha għall-aċċess għal finanzjament, in-negozji ġodda u l-mikrointrapriżi jistgħu jkunu għodda ewlenija biex l-SMEs isiru aktar kompetittivi u aktar innovattivi u titrawwem l-intraprenditorija fl-Unjoni; ifakkar f'dan ir-rigward f'COSME u Orizzont 2020;

25. Jiddeċiedi, għalhekk, li jissaħħu ulterjorment, lil hinn mill-AB 2019 u mill-profilu inizjali ta' qabel il-FEIS, dawk il-programmi li huma essenzjali biex jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi u li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u li jirriflettu b'mod wiesa' l-prijoritajiet tal-Unjoni li ntlaħaq qbil dwarhom, jiġifieri Erasmus+, Orizzont 2020 (inklużi Marie Curie, ir-rwol ta' tmexxija fl-isparju, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Istrument għall-SMEs), COSME, il-FNE u l-EaSI;

26. Iżid għalhekk il-livell ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għas-subintestatura 1a lil hinn mill-AB 2019 b'EUR 566 773 112 (minbarra t-treġġiġh lura għal qabel il-FEIS, kumpens għall-proposta tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji), biex jiġu ffinanzjati fi ħdan il-marġni disponibbli kif ukoll b'mobilizzazzjoni ulterjuri tal-Marġni Globali għall-Impenji;

27. Jilqa' l-impenn għal aġenda mġedda tal-Unjoni fil-qasam tad-difiża, primarjament permezz tal-ftehim dwar il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża (EDIDP); jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jagħti attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-ftehimiet li jinsabu fl-EDIDP u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif stabbiliti fl-Ittra Emendatorja, maħruġa mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018;

### **Subintestatura 1b – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali**

28. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rata dejjem tonqos tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fil-livell tal-Unjoni b'14,8 % (mill-1 ta' Ottubru 2018), iżda jiddispaċi li l-livell xorta għadu għoli b'mod inaċċettabbli f'ċerti Stati Membri; jenfasizza li, sabiex tiġi indirizzata dik il-kwistjoni, hu ferm importanti li jkun żgurat finanzjament adegwat ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ permezz tal-YEI u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE); jilqa' l-ftehim dwar il-ħtieġa li jingħata finanzjament ġdid għall-YEI, u l-inklużjoni tal-approprijazzjonijiet korrispondenti fl-AB 2019; iqis madankollu li, fid-dawl tal-isfidi u r-riskji kkawżati mill-qgħad fost iż-żgħażaġh, il-YEI għandha tibbenefika minn żieda fl-approprijazzjonijiet u għaldaqstant jiddeċiedi li jżid l-impenji għall-YEI għal EUR 580 miljun fl-2019; iqis li dik iż-żieda hija addizzjonali għall-ammont għall-YEI attwalment ipprogrammat għall-perjodu 2014-2020;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiġi aċċellerata biex tlaħħaq mad-dewmien; jinnota li għalkemm il-Kunsill ma ddebitax il-livell tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni, il-Parlament se jeżamina bir-reqqa l-previżjonijiet aġġornati tal-Kummissjoni, li jaġġusta l-approprijazzjonijiet ta' pagament għal bżonnijiet reali sabiex jevita r-rikostituzzjoni ta' pagamenti pendenti fi tmiem il-QFP kurrenti;

30. Jenfasizza, b'dispaċir, li d-diżastri ġeneralment jolqtu lil dawk li għandhom inqas mezzi biex jipproteġu ruħhom, jinnota li r-rispons għad-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem jenħtieġ li; jkun rapidu kemm jista' jkun biex il-ħsara tkun minima u n-nies u l-proprjetà jiġu salvati; jenfasizza l-ħtieġa għal żieda addizzjonali fil-fondi, b'mod partikolari fil-linji baġitarji marbuta mal-prevenzjoni tad-diżastri u l-istat ta' tħejjija fl-Unjoni, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, in-nirien fil-Greċja, Spanja u l-Portugall (li rriżultaw fit-telf traġiku ta' ħajjiet), li għandhom impatt drammatiku u sostanzjali fuq in-nies;

31. F'konformità mal-ftehim milħuq dwar ir-reviżjoni tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformali Strutturali (SRSP), jaqbel mat-trasferiment ta' EUR 40 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u EUR 17,2 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament mis-subintestatura 1b għall-Intestatura 2;

### **Intestatura 2 – Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali**

32. Ifakkar li l-proposta tal-Kummissjoni għal żieda fl-approprijazzjonijiet sabiex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) tirriżulta l-aktar minn ammont ħafna aktar baxx ta' dħul assenjat mistenni li jkun disponibbli fl-2019;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

33. Jinnota t-tnaqqis tal-Kunsill ta' EUR 310 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (-0,52% meta mqabbel mal-AB 2019) u EUR - 328,13 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (-0,57% meta mqabbel mal-AB 2019), iżda jqis li l-Itra Emendatorja tal-Kummissjoni għandha tibqa' l-bażi għal kwalunkwe reviżjoni affidabbli tal-approprjazzjonijiet tal-FAEG u jreġġa' lura l-livelli tal-AB 2019 skont dan, sakemm issir eżaminazzjoni ta' dik l-Itra Emendatorja f'konklużjoni;

34. Jiddeċiedi li jżid il-finanzjament għall-appoġġ ta' emerġenza b'mod partikolari għall-majjal kontra d-deni Afrikan tal-ħnieżer biex jonqos l-impatt negattiv fuq il-bdiewa u l-impjegati fir-reġjuni l-aktar milquta mill-marda; jiddeċiedi li jesprimi l-appoġġ b'saħħtu tiegħu għas-settur agrikolu fl-Unjoni billi jżid l-approprjazzjonijiet għall-frott u l-ħxejjex, sabiex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi fis-settur u l-effetti tal-embargo Russu, kif ukoll għal miżuri li jindirizzaw l-effetti tal-plaques xilella fastidiosa u l-volatilità tal-prezz taż-żejt taż-żebbuġa;

35. Jindika r-rwol essenzjali tal-aġenzji deċentralizzati tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel biex jgħinu lill-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu deċiżjonijiet infurmati, ibbażati fuq ix-xjenza dwar il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent u s-saħħa pubblika, filwaqt li jtejjbu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni;

36. Jiddeċiedi li jipproponi żieda ta' EUR 20 miljun 'il fuq mil-livell tal-AB 2019 għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex jippromwovi l-innovazzjoni fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u biex jiżgura l-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tal-għajxien f'dawn is-setturi fil-gejjenji;

37. Jiddeċiedi, f'konformità mal-miri tiegħu tal-Ewropa 2020 u mal-impenji internazzjonali tiegħu biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jipproponi żieda ta' EUR 15,6 miljun 'il fuq mil-livell tal-AB 2019 għal azzjonijiet relatati mal-klima; barra minn hekk, ifakkar fl-impenji li ħadet l-Unjoni biex twaqqaf u treġġa' lura t-tnaqqis tal-bijodiversità u jenfasizza li din iż-żieda tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni tal-bijodiversità;

38. Jiddeċiedi, fid-dawl tal-konklużjoni pożittiva tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-SRSP, li jneħħi r-riżerva tal-Kunsill fir-rigward tal-ammonti trasferiti mis-subintestatura 1b;

39. Jirrimarka dwar l-effetti tan-nixfa estrema li qed taffettwa lill-Istati Membri f'dawn l-aħħar xhur, li qed tikkawża telf konsiderevoli għall-agrikoltura u li qed tipperikola għadd kbir ta' negozji, u jenfasizza f'dak ir-rigward il-ħtieġa li jiġu garantiti miżuri ta' appoġġ immirati biex jgħinu lill-bdiewa li jkunu ntlaqtu l-agħar;

40. Jiddeċiedi li juża l-massimu ta' approprjazzjonijiet għall-programmi POSEI jibqgħu previsti fir-Regolament rilevanti<sup>(1)</sup>, filwaqt li tiġi ssottolinjata r-rilevanza ta' dawk il-programmi għar-reżiljenza tal-produtturi agrikoli, u jenfasizza s-sitwazzjoni ekonomika fraġli tar-reġjuni ultraperiferiċi;

41. Iżid, għalhekk, l-approprjazzjonijiet ta' impenn b'EUR 154,1 miljun, li jeskludi l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji filwaqt li jħalli marġni ta' EUR 190,8 miljun taħt il-limitu massimu għall-impenji fl-Intestatura 2;

42. Jissottolinja li l-iżbilanċi persistenti fil-katina ta' provvista tal-ikel, fejn il-pożizzjoni tal-produtturi primarji hi konsiderevolment aktar dgħajfa minn dik ta' atturi oħra, għandhom iwasslu lill-Kummissjoni biex tieħu passi biex ittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u l-marġnijiet fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'tali mod li jiġi ggarantit prezz ġust għall-produzzjoni u jiġi żgurat titjib fl-introjtu tal-bdiewa ta' daqs żgħir u medju;

43. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatturi ta' theddida li huma ta' piż fuq diversi ekosistemi forestali, pereżempju, fost oħrajn, it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, ta' organiżmi ta' ħsara (bħan-nematodu tal-injam tal-arżnu u oħrajn) u ta' nirien forestali; jikkunsidra li jkun tajjeb li jiġu indirizzati biżżejjed riżorsi finanzjarji permezz ta' programmi u miżuri ta' appoġġ komunitarju għall-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa ekoloġika u tal-pjanti tal-foresti u għar-riabilitazzjoni tagħhom, inkluża r-riforestazzjoni; jinnota li dawn ir-riżorsi huma partikolarment importanti u urġenti għal xi Stati Membri, partikolarment għall-Portugall, il-Greċja u Spanja wara nirien suċċessivi preċedenti madwar dawk it-territorji;

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

**Intestatura 3 – Sigurtà u Ċittadinanza**

44. Itenni l-konvinzjoni tiegħu stabbilita għal żmien twil li l-limitu massimu għall-Intestatura 3 ma kienx biżżejjed biex jiffinanzja b'mod adegwat id-dimensjoni interna tal-isfidi essenzjali relatati, minn naħa, mas-sigurtà interna u s-sikurezza taċ-ċittadini, u min-naħa l-oħra, mar-rifuġjati u l-migrazzjoni;

45. Jistenna li l-perssojoni fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u asil ta' dawk l-Istati Membri, kif ukoll fuq il-fruntiera tagħhom, se tibqa' għolja fl-2019, kif ukoll fis-snin ta' wara, u għalhekk hu tal-fehma li hu meħtieġ finanzjament addizzjonali fil-qasam tar-rifuġjati u l-migrazzjoni, kif ukoll fid-dawl ta' kwalunkwe ħtiġijiet futuri mhux prevedibbli f'dak il-qasam; isaħħaħ għalhekk l-AMIF rigward l-appoġġ għall-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta' strateġiji ta' ritorn ġusti u effikaċi, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-Istati Membri fit-titjib ta' miżuri ta' integrazzjoni għar-rifuġjati u l-migranti, speċjalment it-tfal u l-minorenni mhux akkumpanjati;

46. Jilqa' ż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-AMIF favur il-finanzjament tal-leġislazzjoni l-ġdida ta' Dublin II (bis-suppożizzjoni li din tiġi adottata sa tmiem l-2018) u jirrifjuta d-deċizzjoni tal-Kunsill li l-appropriazzjonijiet korrispondenti jitqiegħdu friżerva;

47. Jissottolinja li s-sigurtà interna trid tibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni u jenfasizza r-rwol tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) bħala l-istrument finanzjarju ewleni għall-appoġġ tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità; jiddeċiedi għalhekk li jżid l-appropriazzjonijiet baġitarji tal-ISF, kif ukoll li jsaħħaħ l-appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri u li jipprovdi assistenza lill-vittmi ta' atti terroristiċi;

48. Jindika r-rwol essenzjali tal-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni; jiddeċiedi li jżid l-appropriazzjonijiet baġitarji u l-persunal tal-EUROPOL, is-CEPOL, l-eu-LISA, l-Eurojust u l-UPPE;

49. Jinsisti, f'dan il-kuntest, li l-UPPE jiġi ffinanzjat b'mod adegwat u jkollu biżżejjed persunal; jinnota li fl-AB 2019, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tammonta għal total ta' EUR 4 911 000; jirrimarka li din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mal-persunal, l-infrastruttura, infiq amministrattiv ieħor u l-infiq operattiv tal-UPPE; jinnota li 35 post tax-xogħol biss huma previsti, li jimplika li wara t-tnaqqis ta' postijiet tax-xogħol ta' 23 Prosekutur Ewropew, 12-il post tax-xogħol biss huma previsti għal kompiti amministrattivi; iqis li dan mhuwiex realistiku, b'mod partikolari fir-rigward taż-żewġ Stati Membri addizzjonali li reċentement iddeċidew li jissiehu fl-UPPE; jiddeċiedi, għalhekk, li jantiċipa ż-żieda fil-persunal prevista għall-2020, u li jallinja l-klassifikazzjoni tal-Prosekutur Ewleni u l-Prosekuturi Ewropej għal dawk tal-livell maniġerjali tal-OLAF u l-Europol;

50. Jiddispjaċi bit-tnaqqis arbitrarju li għamel il-Kunsill li ammonta għal aktar minn EUR 35 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn f'bosta programmi fil-qasam tal-kultura, iċ-ċittadinanza, il-ġustizzja u is-saħħa pubblika, minkejja r-rati ta' implimentazzjoni eċċellenti ta' dawn il-programmi u l-livelli diġà insuffiċjenti ta' finanzjament li jħallu ħafna proġetti ta' kwalità għolja mingħajr finanzjamenti; ireġġa' l-linji kollha lura tal-inqas għal-livell tal-abbozz ta' baġit filwaqt li jipproponi żidiet addizzjonali fil-linji rilevanti;

51. Jenfasizza l-valur tal-Ewropa Kreattiva bl-appoġġ tagħha għas-setturi awdjoviżivi u kulturali tal-Unjoni u jinsisti li l-livelli ta' finanzjament għandhom jaqblu mal-ambizzjonijiet tal-programm; jitlob għal żieda fl-appropriazzjonijiet tal-kumitati għas-sottoprogrammi MEDIA u Kultura, inter alia biex jindirizzaw ir-rati ta' suċċess baxxi fl-applikazzjonijiet; iżid ukoll l-appropriazzjonijiet għall-azzjonijiet multimedjali u għat-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej;

52. Ifakkar fl-appoġġ tiegħu għall-programmi tad-drittijiet, l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza u l-ġustizzja; jiddeċiedi li jżid l-appropriazzjonijiet ta' impenn għal strumenti li jindirizzaw in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza b'mod ġenerali, u speċifikament il-programm Daphne, u li jiġġieled il-vjolenza abbażi tas-sess u jinforza d-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTQI+;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

53. Ifakkar li proġetti relatati mal-kultura u l-edukazzjoni huma appoġġati b'firxa ta' programmi u strumenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi SIE, FEIS u Orizzont 2020; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb is-sinerġiji ta' bejn il-programmi sabiex tigarantixxi l-effikaċja tal-infiq; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tisfrutta b'mod sħiħ is-sinerġiji potenzjali li jeżistu bejn id-diversi programmi tal-Unjoni – bħal Orizzont 2020, il-FNE, l-Erasmus+, l-EaSI, l-Ewropa Kreattiva u l-COSME, il-FEIS u l-Fondi SIE – biex tappoġġa aktar proġetti fil-qasam tal-industriji kulturali u kreattivi;

54. Isaħħha l-Intestatura 3 b'EUR 127,75 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fir-rigward tal-abbozz ta' baġit, għajr għall-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, u jipproponi li dan it-tisħiħ ikun iffinanzjat bis-saħħa ta' mobilizzazzjoni ulterjuri ta' strumenti speċjali;

**Intestatura 4 – Ewropa Globali**

55. Jenfasizza li l-isfidi ġeopolitiċi kumplessi li l-Unjoni qed tiffaċċja jirrikjedu b'mod urġenti preżenza esterna aktar b'saħħha fl-Unjoni; jenfasizza għal darb'oħra li l-azzjoni esterna tal-Unjoni tista' tkun kredibbli biss jekk tkun appoġġata minn riżorsi finanzjarji suffiċjenti; ifakkar li l-ħtiġijiet ta' finanzjament jaqbz u bil-kbir id-daqs kurrenti tal-Intestatura 4 u jitlob li jkun hemm spazju xieraq għal manuvri f'każ ta' kriżijiet esterni mhux previsti;

56. Ifakkar li l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) għandha tnaqqas il-politiki interni u esterni tal-Unjoni, filwaqt li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forniment ta' kwantità suffiċjenti ta' ikel ta' kwalità tajba, ilma nadif u l-bini ta' faċilitajiet addizzjonali ta' rimi ta' ilma mormi sabiex jitwettqu l-SDG 2 u 6; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni fuq l-iskala u l-implikazzjonijiet tal-prekarjetà enerġetika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jitlob azzjoni addizzjonali biex titnaqqas il-prekarjetà enerġetika skont l-SDG 7, b'mod partikolari f'żoni rurali remoti f'reġjuni li mhumiex mqabbdin mal-grilja tal-enerġija;

57. F'dan ir-rigward, jafferma mill-ġdid, f'konformità mal-pożizzjoni tiegħu espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tal-5 ta' Lulju 2018, li l-proporzjon kurrenti tal-kontribuzzjoni għall-FRT mill-baġit tal-Unjoni (EUR 1 biljun) u mill-Istati Membri (EUR 2 biljun) għandu jinżamm għall-finanzjament tat-tieni parti tal-FRT; jiddeċiedi għalhekk li jnaqqas il-kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni minn EUR 1,45 biljun għal EUR 450 miljun; jemmen li, minflok, id-differenza għandha tiġi ffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri;

58. Jemmen li l-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija tal-akbar importanza fl-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-isfidi umanitarji korrispondenti fil-Viċinat tan-Nofsinhar, bħal-Libja; jisħaq fuq l-importanza li tiġi appoġġata l-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u s-soċjetà vibranti biex jiġi miġġeied il-faqar fuq medda twila ta' żmien, u jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jiddeċiedi għalhekk li jżid ir-riżorsi għall-Istrument għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (DCI) u għall-parti tan-Nofsinhar tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) taħt l-oqsma varji tiegħu, biex jirrifletti wkoll il-persjoni konsiderevoli li se jkompli jkun taħta l-ENI fl-2019;

59. Ifakkar li l-Unjoni impenjat ruħha li ttiproteġi u tippromwovi b'mod komprensiv id-drittijiet tat-tfal, il-bniet u n-nisa kif ukoll il-persuni b'diżabbiltà u bi ħtiġijiet speċjali fil-politika esterna tagħha; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Linj Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fl-Unjoni Ewropea, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Politika Ewropea dwar id-Diżabbiltà fir-relazzjonijiet esterni; f'dan l-ispirtu, iqis li jkun xieraq li jiddedika 10 % tar-riżorsi disponibbli taħt l-għajnuna umanitarja għall-aċċess għall-edukazzjoni f'żoni ta' kriżi;

60. Jenfasizza l-importanza strateġika li jingħata finanzjament suffiċjenti għall-Balkani tal-Punent sabiex jiġi kkonsolidat il-perkors tagħhom lejn l-adeżjoni; ma jstax jifhem il-proposta tal-Kunsill li titnaqqas l-allokazzjoni għal riformi politiċi, peress li tali riformi huma s-sinjala ta' kwalunkwe trasformazzjoni demokratika; Jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju xieraq għall-Pjan ta' Azzjoni 2018-2020 tal-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent, u jiddeċiedi, konsegwentement, li jżid l-allokazzjoni tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) għar-reġjun;

61. Jenfasizza li l-sitwazzjoni fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant tirrappreżenta wkoll sfida sinifikanti għall-Unjoni; huwa konvint bl-importanza li jingħata finanzjament addizzjonali bħala appoġġ għall-isforzi ta' riforma tal-ġirien tagħna, jingħata kontribut għaż-żieda tar-reżiljenza u t-trawwim tal-paċi u t-titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi;



62. Jitlob appoġġ imsaħħaħ tal-Unjoni lill-UNRWA, f'konformità mar-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Frar 2018 <sup>(1)</sup>, fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed taqleb għall-agħar fuq il-post u d-deċizzjoni tal-Istati Uniti li tirtira l-kontribuzzjoni annwali tagħha lill-aġenzija; jispeċifika li ż-żieda proposta hija ddedikata esklussivament għall-UNRWA sabiex tikkumpensa għat-telf rilevanti;

63. Huwa konvint bil-potenzjal ta' kuntatti interpersonali u l-mobbiltà taż-żgħażaġh, anki bħala waħda mill-istrategġji ewlenin biex jissaħħaħ l-impatt tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-viżibbiltà tagħha fost il-pubbliku tal-pajjiżi sħab; iddeċieda għalhekk li jsaħħaħ il-kontribuzzjonijiet mid-DCI, l-ENI, l-IPA II, u l-Istrument ta' Sħubija għal Erasmus+;

64. F'konformità mal-prinċipju tal-kundizzjonalità, jappoġġa t-tnaqqis fl-ammont allokat lit-Turkija fil-linji baġitarji kollha, fid-dawl tar-rigress kontinwu dwar l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; fl-istess ħin, iqis li huwa meħtieġ li jissaħħaħ aktar l-appoġġ dirett għas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-kuntatti interpersonali;

65. Iqis li hemm bżonn jiddiedu l-appropriazzjonijiet għal-linja baġitarja għall-Komunità Ċiprijotta Torka bl-iskop li jingħata kontribut b'mod deċiżiv għall-kontinwazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-missjoni tal-Kumitat għall-Persuni Nieqsa f'Ċipru, il-benessri tal-Maroniti li jkunu jixtiequ risistemazzjoni u dik tal-persuni enklavati kif miftiehem fit-tielet Ftehim ta' Vjenna, u appoġġ għall-Kumitat Tekniku bikomunali għall-Patrimonju Kulturali, biex b'hekk jiġu promossi l-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni bejn iż-żewġ komunitajiet;

66. Jirrikonoxxi ż-żieda moderata fil-finanzjament tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jinnota li l-baġit tal-PESK għadu taħt pressjoni qawwija, anki meta titqies l-espansjoni ta' għadd ta' missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), b'riskju li l-problema tigrava fl-2019; ireġġa' lura t-tnaqqis propost mill-Kunsill għal miżuri u operazzjonijiet oħra ta' ġestjoni tal-kriżijiet, li jirriżulta f'inqas flessibbiltà fl-indirizzar ta' kriżijiet mhux mistennija;

67. B'riżultat ta' dan, jiddeċiedi li jreġġa' lura kważi t-tnaqqis kollu tal-Kunsill, biex isaħħaħ l-Intestatura 4 b'EUR 425,4 miljun iżjed mill-AB 2019 (minbarra proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji), filwaqt li jnaqqas il-linji tal-FRT u t-Turkija relatati u ma jreġġax lura t-tnaqqis tal-Kunsill b'effett totali ta' EUR - 1,24 biljun, u b'hekk tirriżulta differenza netta ta' EUR - 819,1 miljun taħt l-AB 2019 fl-Intestatura 4;

#### **Intestatura 5 – Amministrazzjoni; Intestaturi oħra – nefqa amministrattiva u ta' sostenn għar-riċerka**

68. Iqis li t-tnaqqis tal-Kunsill mhuwiex ġustifikat u ma jirriflettix il-ħtiġijiet reali; għalhekk, ireġġa' lura l-AB 2019 għal li kien fir-rigward tan-nefqa amministrattiva kollha tal-Kummissjoni, inklużi n-nefqa amministrattiva u dik ta' sostenn għar-riċerka fl-Intestaturi 1 sa 4;

#### **Aġenziji deċentralizzati**

69. Japprova, bħala regola ġenerali, l-estimi tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet baġitarji tal-aġenziji; jikkunsidra, għaldaqstant, li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri li jipproponi l-Kunsill jippreġudika l-funzjonament korrett tal-aġenziji u ma jippermettilhomx iwettqu l-kompiti assenjati lilhom; jinnota, b'irritazzjoni partikolari, it-tnaqqis arbitrarju ta' EUR 10 000 biss għas-CEPOL u jstieden lill-Kunsill biex jaqsam mal-Parlament id-dettalji sostanzjali tar-raġuni għaliex jikkunsidra li dan it-tnaqqis huwa meħtieġ u raġonevoli;

70. Jinnota li l-finanzjament tal-aġenziji mit-tariffi jnaqqas il-piż għall-baġit tal-Unjoni b'EUR 1 biljun fis-sena; jissottolinja li l-kompiti pubbliċi bħal fil-qasam tas-saħħa, l-ambjent, jew is-sigurtà u l-ġustizzja għandhom dejjem jibqgħu fil-baġit tal-Unjoni; jemmen, madankollu, li l-Kummissjoni għandha tkompli tindirizza r-riskju ta' kunflitti ta' interess li potenzjalment jirriżultaw f'aġenziji ffinanzjati mit-tariffi u tiegħu miżuri adegwati biex jiġu evitati tali kunflitti;

71. Ifakkar fl-importanza li l-Unjoni tiffoka fuq il-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi; iqis, f'dan il-kuntest, li huma meħtieġa approprjazzjonijiet u persunal addizzjonali għall-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) u l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER); jinnota l-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mobilizzati riżorsi ġodda għaliha; ireġġa' lura t-tnaqqis sostanzjali tal-Kunsill fl-appropriazzjonijiet għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), filwaqt li jqiegħed partijiet mill-appropriazzjonijiet tagħhom fir-riżerva sakemm isir progress fir-rieżami tal-ASE;

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0042.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

72. Jiddeċiedi, fil-kuntest tal-isfidi li l-Unjoni għadha qiegħda tiffaċċja f'termini ta' sigurtà, kif ukoll fid-dawl tal-ħtieġa ta' risposta koordinata fuq livell Ewropew, li jżid l-appropriazzjonijiet għall-EUROPOL, l-eu-LISA, is-CEPOL, l-EUROJUST, l-UPPE u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerks u l-Infommazzjoni (l-ENISA);

73. Jistenna li l-pressjoni fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u asil ta' xi Stati Membri, kif ukoll fuq il-fruntieri tagħhom, se tibqa' għolja fl-2019 u possibbilment tiżdied, jenfasizza li l-ħtieġa futura tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), f'termini ta' riżorsi operattivi u persunal se jkollha tiġi mmonitorjata mill-qrib u possibbilment tiġi aġġornata għall-Baġit tal-2019; jitlob lill-Kummissjoni ttiprovdi ħarsa ġenerali tal-ħtieġijiet baġitarji għall-Baġit 2019 għar-riformi proposti ta' daww l-aġenziji mill-aktar fis possibbli;

74. Jenfasizza l-ħtieġa ta' livell adegwat ta' appropriazzjonijiet finanzjarji għall-aġenziji li se jkunu qegħdin iwettqu kompiti addizzjonali ġodda;

75. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-mira ta' tnaqqis tal-persunal b'5 % ntlaħqet b'suċċess; jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jinkludi dikjarazzjoni komuni mill-istituzzjonijiet kollha li tikkonferma t-tmiem ta' dan l-eżerċizzju ta' darba; iqis li l-postijiet tax-xogħol il-ġodda adottati fil-pożizzjoni tiegħu huma neċessarji biex jitwettqu l-kompiti addizzjonali li jirriżultaw minn żviluppi strateġiċi ġodda u leġiżlazzjoni għda;

76. Ifakkar li l-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-Riżorsi tal-Aġenziji Deċentralizzati 2 ikkonkluda l-ħidma tiegħu billi adotta rakkomandazzjonijiet dwar it-tagħlimiet meħuda mill-approċċ għall-ilħuq tal-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal, it-trattament ta' kompiti ġodda, l-ewalwazzjonijiet ta' aġenziji, il-kondiviżjoni ta' servizzi, l-ewalwazzjoni ta' aġenziji b'diversi postijiet u l-mudell għal aġenziji ffinanzjati mit-tariffi; jilqa' r-ratifika ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet mill-istituzzjonijiet; jesprimi l-intenzjoni tiegħu li fil-futur ikompli jiskrutinizza l-ħidma tal-Kummissjoni dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

**Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP)**

77. Ifakkar fl-importanza ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP) bħala għodod għall-formulazzjoni ta' prijoritajiet politiċi u l-introduzzjoni ta' inizjattivi ġodda li għandhom il-potenzjal li jinbidlu fattivitajiet u programmi permanenti tal-Unjoni; wara li wettaq analiżi bir-reqqa tal-proposti kollha mressqa u wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reqwiżiti ġuridiċi u l-implimentabbiltà tagħhom, jiddeċiedi li jadotta pakkett ibbilanċjat ta' PP-AP li jirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-Parlament;

78. Jilqa' t-tneġġja ta' Discover EU, it-tqassim ta' 15 000 biljett ferrovjarju InterRail lil ċittadini Ewropej li għalqu t-18-il sena fl-2018, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni ta' EUR 700 miljun għall-QFP 2021-2027, li jaqbel sew mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni li tippromwovi l-mobilità tat-tagħlim, iċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà fost iż-żgħażaġh kollha; jiddeċiedi li jkompli l-azzjoni preparatorja rilevanti fl-2019 u huwa determinat li jkompli dan fl-2020 ukoll;

**Strumenti speċjali**

79. Ifakkar fl-utilità tal-istrumenti speċjali biex tingħata flessibilità lil hinn mil-livelli massimi estremament stretti tal-QFP kurrenti u jilqa' t-titjib introdott mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament dwar il-QFP; jitlob użu estensiv tal-Istrument ta' Flessibilità u tal-Marġni Globali għall-Impenji fil-Baġit 2019 bil-għan li tiġi ffinanzjata l-firxa wiesgħa ta' sfidi ġodda u responsabbiltajiet addizzjonali li tagħhom il-baġit tal-Unjoni qed jiffaċċja; ifakkar ukoll fl-importanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR) u tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE);

**Pagamenti**

80. Itenni t-tħassib tiegħu li, minkejja rkupru riċenti, is-sottoeżekuzzjoni fil-pagamenti laħqet livell baxx rekord fdawn l-aħħar tliet snin, notevolment fis-subintestatura 1b; jiddispijaċih li tali dewmien jimpedixxi l-prijoritajiet u l-proġetti tal-Unjoni milli jwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom għaċ-ċittadini fil-ħin; jindika li, b'riżultat ta' dan, l-AB 2019 iħalli marġni ta' EUR 19,3 biljun inqas mil-limitu massimu tal-pagamenti; isaħħaħ l-appropriazzjonijiet ta' pagament fuq daww il-linji li huma emendati f'appropriazzjonijiet ta' impenn;

**Taqsimiet oħrajn****Taqsimi I – Il-Parlament Ewropew**

81. Iżomm l-istess livell globali tal-baġit tiegħu għall-2019, f'konformità mar-risoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq dwar l-estimi tad-dħul u l-infiq tiegħu adottati mill-plenarja fid-19 ta' April 2018, għal EUR 1 999 144 000; jinkorpora xi aġġustamenti tekniċi mingħajr impatt fuq il-baġit biex titqies informazzjoni aġġornata mhux disponibbli aktar kmieni din is-sena;

82. Jinnota li l-livell tal-estimi għall-2019 jikkorrispondi għal 18,53 %, li huwa inqas minn dak li nkiseb fl-2018 (18,85 %) u l-aktar parti baxxa tal-Intestatura 5 f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena;

83. Jinnota li, minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, l-infiq se jkun ogħla f'ċerti oqsma, partikolarment fir-rigward tal-Membri li ma jiġux eletti mill-ġdid u tal-assistenti tagħhom, filwaqt li se jiġi ġġenerat iffrankar, minkejja li fuq skala iżgħar, f'oqsma oħra bħala riżultat tat-tnaqqis fil-volum tax-xogħol parlamentari f'sena elettorali;

84. Jilqa' l-fatt li l-Baġit 2019 se jinkludi wkoll pagamenti ta' investimenti sostanzjali li bdew fl-2016 bl-għan li tittejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-Parlament; jirrimarka li dawn il-proġetti jkopru diversi oqsma, prinċipalment relatati ma' bini, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fil-punti ta' dħul, it-tagħmir u l-persunal, bħall-Proġett iPACS, iżda wkoll titjib fil-qasam taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-komunikazzjoni;

85. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Bureau li jikkunsidra żewġ għażliet għall-bini PHS: rinnovazzjoni jew bini mill-ġdid; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau jipprovdu lill-awtorità baġitarja b'baġit dettaljat għal kull waħda minn dawn l-għażliet flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha;

86. Inaqqas 59 post tax-xogħol mit-tabella tal-persunal tas-Segretarjat Ġenerali tiegħu għall-2019 (objettiv li jitnaqqas il-persunal b'1 %), bi qbil mal-ftehim tal-14 ta' Novembru 2015 li ntlaħaq mal-Kunsill rigward il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, u li skont dan il-ftehim il-miżuri għat-tnaqqis annwali tal-persunal fil-Parlament għandhom ikomplu sal-2019;

87. Iqis li, fir-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 dwar il-Politika tal-Integrità tal-Kummissjoni, il-Parlament esprima t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-proċeduri ta' ħatra għall-uffiċjali għolja tagħha, itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrevedi, qabel tmiem l-2018, il-proċedura amministrattiva tagħha għall-ħatra tal-uffiċjali għolja bl-objettiv li jiġi żgurat bis-siġħ li jintgħażlu l-aħjar kandidati fi ħdan qafas ta' trasparenza massima u opportunitajiet indaqs;

88. Jinnota d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2018 li tikkonferma r-rifjut tal-Parlament li jagħti aċċess għal dokumenti relatati mal-indennizz tas-sussistenza, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-indennizz tal-assistenza parlamentari (Sentenza fil-Kawżi T-639/15 sa T-666/15 Maria Psara u Oħrajn vs Il-Parlament u T-94/16 Gavin Sheridan vs il-Parlament); ifakkar lill-Bureau li l-plenarja appellat għal trasparenza akbar u ħtieġa urġenti li ssir verifika tal-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali (GEA); laqa', f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma ad hoc għad-definizzjoni u l-pubblikazzjoni tar-regoli dwar l-użu tal-GEA; jiddispijaċih, madankollu, li fuq il-bażi tar-rapport tal-grupp ta' ħidma tiegħu, il-Bureau seta' jaqbel biss dwar lista mhux eżawrjenti ta' spejjeż eliġibbli, u dwar il-ħtieġa li kull Membru tal-Parlament ikollu kont bankarju separat iddedikat għal fondi rċevuti bħala parti mill-GEA; itenni l-appell tiegħu lill-Bureau biex jagħmel il-bidliet addizzjonali li ġejjin fir-rigward tal-GEA:

— biex il-Membri jkunu rikjesti jżommu l-irċevuti kollha li jappartjenu għall-GEA;

— biex il-Membri jirritornaw is-sehem tal-GEA li ma ntefaqx qabel tmiem il-mandat tagħhom;

89. Ifakkar fl-Artikolu 62 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, li jistipula li "l-ammonti mħallsa", inklużi l-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali, "għandhom ikunu riservati b'mod esklussiv għall-iffinanzjar ta' attivitajiet marbuta mat-twettiq tal-mandat ta' Membru parlamentari u ma jistgħux ikunu użati biex ikopru spejjeż personali jew biex jiffinanzjaw donazzjonijiet ta' natura politika" u li "Il-Membri għandhom iroddu lura lill-Parlament kwalunkwe ammont mhux użat"; jstieden lis-Segretarju Ġenerali u l-Bureau tal-Parlament Ewropew jiżguraw li daww id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati u mħarsa b'mod siġħ.

90. Ifakkar li fit-23 ta' Ottubru 1997, fir-risoluzzjoni tiegħu dwar il-baġit ġenerali għall-1998, il-Parlament appella lill-Bureau tiegħu biex jitlob lill-Qorti tal-Awdituri tinvestiga l-iskema ta' pensjoni volontarja tal-Parlament, li wasslet għall-ħruġ tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri Nru 5/99 tas-16 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond tal-Pensjoni u l-Iskema għall-Membri tal-Parlament Ewropew; jappella, issa, lill-Bureau biex jitlob urġentement lill-Qorti tal-Awdituri tippoduċi opinjoni oħra bħal din dwar l-iskema u l-fond tal-pensjoni fl-2019;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

91. Ifakkar li, fin-nota lill-Bureau tat-8 ta' Marzu 2018, is-Segretarju Ġenerali tiegħu aċċetta li l-fond tal-pensjonijiet marbut mal-iskema ta' pensjoni volontarja tal-Membri se jeżawrixi l-kapital tiegħu ferm qabel it-tmiem tal-obbligi tal-pensjoni u possibbilment sal-2024; jistieden b'hekk lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau, b'rispett shif għall-Istatut tal-Membri, jistabbilixxu urġentement mal-fond tal-pensjoni, pjan ċar għall-Parlament li jassumi u jieħu f'idejha l-obbligi u r-responsabbiltajiet tiegħu għall-iskema tal-pensjoni volontarja tal-Membri tiegħu immedjatament wara l-elezzjonijiet tal-2019;

92. Jitlob appoġġ addizzjonali mill-Unjoni għad-dimensjoni parlamentari tad-WTO, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-appoġġ finanzjarju u tal-persunal lis-segretarjat responsabbli;

93. Jitlob l-aġġornament taċ-Ċentru Medjatiku Ewropew għax-Xjenza, adottat fil-baġit 2018, u għal kooperazzjoni mal-istazzjonijiet televiżivi, il-midja soċjali u sħab oħra sabiex jiġu stabbiliti skopijiet ta' taħriġ għall-ġurnalisti żgħażaġh, speċjalment fir-rigward ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi ġodda u ta' aħbarijiet ibbażati fuq il-fatti u rieżaminati bejn il-pari;

94. Jitlob, għall-iskop li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u l-abbuż sesswali fl-Unjoni, appoġġ ulterjuri biex jiġi kopert il-kost tal-għarfien espert estern meħtieġ biex jitwessa' l-awditjar estern li jkun twettaq fuq il-Kumitat konsultattiv li jitratta l-ilmenti dwar il-fastidju li jikkonċernaw lill-Membri, lill- "Kumitat konsultattiv tal-persunal għall-persunal tal-Parlament" dwar il-prevenzjoni tal-fastidju; jitlob ukoll, għall-istess għan, appoġġ ulterjuri biex jiġi kopert il-kost ta' persunal addizzjonali kompetenti għall-ġestjoni ta' każijiet ta' fastidju fi ħdan il-Parlament, billi f'servizz iddedikat jinġabar persunal bi sfond mediku, psikoloġiku, legali, u ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, kif ukoll għarfien espert speċifiku f'dak il-qasam;

95. Ifakkar fl-analiżi tal-QEA tal-2014 fejn ġie smat li l-ispejjeż tad-dispersjoni ġeografika tal-Parlament huma EUR 114 miljun fis-sena; barra minn hekk, jinnota s-sejba mir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2013 dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> li 78 % tal-missjonijiet kollha li jsiru mill-persunal statutorju tal-Parlament huma kkawżati minn riżultat dirett tad-dispersjoni ġeografika tal-Parlament; jenfasizza li, skont ir-rapport, huwa smat ukoll li l-impatt ambjentali tad-dispersjoni ġeografika huwa bejn 11 000 u 19 000 tunnellata ta' CO<sub>2</sub>; itenni l-perċezzjoni pubblika negattiva li tikkawża din id-dispersjoni, u għaldaqstant, jappella għal pjan direzzjonali lejn sede unika u tnaqqis fil-linji baġitarji rilevanti;

96. Iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali jfassal arranġamenti dettaljati għal iżjed kondiviżjoni tal-funzjonijiet u s-servizzi ta' back office bejn il-Parlament, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;

**Taqsimha IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja**

97. Ireġġa' lura għall-AB 2019 lill-partiti kollha tal-baġit imnaqqsa mill-Kunsill li huma essenzjali għall-funzjonament tal-Qorti u jreġġa' lura għall-estimi lil żewġ partiti tal-baġit bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Qorti biex tlaħħaq mad-domanda dejjem ogħla ta' traduzzjonijiet;

98. Ireġġa' lura s-16-il post tax-xogħol u l-appropriazzjonijiet relatati mnaqqsa mill-Kummissjoni fl-AB 2019 biex jiġi evitat kwalunkwe effett lembut li jista' jkun ta' detriment għall-produttività tal-qrati fil-kuntest ta' attivitajiet ġodda mwettqa mill-Qorti u ta' żieda kontinwa fl-ammont ta' xogħol; iqis li l-ħolqien ta' 16-il post tax-xogħol g'did permanenti għas-servizzi ta' appoġġ, inizjalment propost mill-Qorti u li ġie rrifjutat mill-Kummissjoni, għandu jingħata;

**Taqsimha V – Il-Qorti tal-Awdituri**

99. Ireġġa' l-partiti kollha li naqqas il-Kunsill lura għal li kienu fl-AB 2019, bil-għan li jkun implimentat il-programm ta' ħidma tal-Qorti tal-Awdituri u jkunu elaborati r-Rapporti tal-Awditjar ipplanati;

**Taqsimha VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

100. Ireġġa' lura l-AB 2019 dwar il-partiti kollha li naqqas il-Kunsill;

<sup>(1)</sup> ĠU C 436, 24.11.2016, p. 2.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

101. Iżid numru ta' linji 'l fuq mill-AB 2019 f'konformità mal-estimi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew stess;

**Taqsimha VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni**

102. Ireġġa' lura l-AB 2019 dwar il-partiti kollha li naqqas il-Kunsill;

103. Iżid numru ta' linji 'l fuq mill-AB 2019 konformement mal-estimi tal-Kumitat tar-Reġjuni;

**Taqsimha VIII – L-Ombudsman Ewropew**

104. Iżomm l-istess livell globali tal-baġit tal-Ombudsman għall-2019 kif propost mill-Kummissjoni fl-AB 2019;

**Taqsimha IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

105. Jiddeċiedi li ma jreġġax lura l-AB 2019 fil-linja mnaqqsa mill-Kunsill, minħabba żieda qawwija tal-baġit totali meta mqabbel mas-sena ta' qabel;

**Taqsimha X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

106. Ireġġa' lura l-AB 2019 dwar il-linji kollha li naqqas il-Kunsill lura;

107. Iżid numru ta' linji 'l fuq mill-AB 2019 f'konformità mal-estimi tal-SEAE;

108. Itenni l-appoġġ tal-Parlament għall-Kapaċità tal-Komunikazzjoni Strateġika u jsaħħaħha biex juri rispons ikkoordinat aktar b'saħħtu tal-Unjoni għall-isfida tad-diżinformazzjoni;

109. Ireġġa' lura it-28 post tax-xogħol u l-approprijazzjonijiet relatati mnaqqsa mill-Kunsill u jżid ħames postijiet oħra li jikkostitwixxu żieda moderata fin-numru ta' persunal li hija ġustifikata mill-kompetenzi sinifikanti l-ġodda tas-SEAE, partikolarment dawk marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bħall-ħolqien ta' delegazzjoni ġdida tal-Unjoni f'Londra kif ukoll unità ġdida fis-sede, u l-adozzjoni ta' għadd ta' inizjattivi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża f'dawn l-aħħar xhur;

o

o o

110. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-emendi għall-abbozz tal-baġit ġenerali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---